V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-EFTA

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur, datata t-8 ta' Frar 2011 fil-każ ta' Pálmi Sigmarsson v Seðlabanki Íslands (Il-Bank Ċentrali tal-Islanda)**

**(Każ E-3/11)**

(2011/C 208/05)

Permezz ta' ittra tat-8 ta' Frar 2011 saret talba għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża ta' Pálmi Sigmarsson v Seðlabanki Íslands (Il-Bank Ċentrali tal-Islanda), lill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur (il-Qorti Distrettwali ta' Reykjavík), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fl-14 ta' Frar 2011, dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

Huwa kompatibbli mal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 43 tal-Ftehim taż-ŻEE li l-Istat tal-Islanda għandu jipprevjeni ċittadin tal-Islanda, li hu residenti fir-Renju Unit, milli jittrasferixxi Krónur Islandiżi, li jkun xtara fuq is-suq offshore fir-Renju Unit, għall-Islanda?